MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 713/2001/1

**Terence Sammut**

**Vs**

**Anthony Borg f'ismu proprju u bhala ezercenti l-kummerc taht l-isem Abbot's Choice u b'digriet tad-29 t'Awwissu 2003 gie kjamat in kawza Joseph Aquilina kemm f'ismu proprio u kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Abbot's Choice**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn, u sitt mitt lira Maltin (Lm2,600) jew somma ohra verjuri, liema somma hija dovuta bhala pagament

ghas-servizzi gja offruti mill-attur, liema servizzi gew debitament accettati mill-konvenut. Is-servizzi offruti u accettati jinkludu l-importazzjoni ta' vetturi uzati mill-Japan.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut propio et nomine fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont mhux dovut.
2. Illi l-konvenut pro et noe mhux debitur tal-attur kif qed jigi allegat fl-avviz;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tad-29 t'Awwissu 2003 li bih laqghet it-talba tal-attur sabiex jigi kjamat in kawza Joseph Aquilina kemm f'ismu proprio u kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem ta' Abbot's Choice.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Joseph Aquilina proprio et nomine, fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici fil-konfront tieghu kemm personalment kif ukoll esercitanti l-kummerc that l-isem ta' Abbot's Choice huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih, stante li l-eccipjent m'ghandu jaghti xejn lill-attur.
2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur u tal-kjamat in kawza Joseph Aquilina. Ghalkemm, il-konvenut Anthony Borg gie moghti diversi opportunitajiet sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa baqa' inadempjenti.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-pern kollu f'din il-kawza huwa jekk kienx hemm ftehim bejn l-attur u l-konvenut u/jew il-kjamat fil-kawza sabiex l-attur jithallas *commission fee* minghandhom talli jimporta karozzi Gappunizi sabiex huma jbieghuhom hawn Malta. Ghaldaqstant, f'din il-kawza hemm zewg verzjonijiet kontrastanti tal-partijiet dwar il-fatti :

*Il-Verzjoni ta' l-Attur*

1. Lejn l-ahhar tas-sena 2000 u bidu tal-2001, l-attur kien beda n-negozju ta' importazzjoni ta' vetturi *second hand* mill-Gappun lejn Malta. Fil-fatt hu beda jirreklama tali servizzi.
2. Il-konvenut Anthony Borg irrisponda ghal dan ir-reklamar u ried juza s-servizzi tal-attur. Dan il-konvenut kien ukoll fil-kummerc u kien jopera taht l-isem ta' « Abbot's Choice ». F'dan il-kummerc, il-konvenut kien jagixxi u jahdem mal-kjamat in kawza, u cioe ma' Joseph Aquilina, taht l-istess isem kummercjali.
3. Il-ftehim bejn l-attur u l-konvenut Anthony Borg kien illi ghal kull vettura illi l-attur kien jimporta u jgib lejn Malta, u li l-konvenut ibiegh fis-suq lokali, l-istess attur kellu jircievi minghand il-konvenuti *commission fee* ta' LM100. Il-ftehim kien wiehed bil-fomm.
4. L-attur gab *container* mill-Gappun b'hames (5) vetturi. Din il-konsenja waslet Malta ghall-habta ta' Marzu 2001, u l-konvenut Anthony Borg kien irnexxielu jbiegh il-hames vetturi, izda kien hallas lill-attur Lm300. Id-differenza ta' Lm200 baqghet ma thallsitx.
5. Sussegwentement, l-attur ghamel arrangamenti ghat-tieni konsenja ta' vetturi mill-Gappun lejn Malta. Din id-darba in-numru ta' vetturi impurtati kien ta' tnax (12). Dawn il-vetturi waslu Malta ghall-habta tax-xahar ta' April 2001 fuq zewg *containers.* La l-konvenut u lanqas il-kjamat in kawza ma hallsu lill-attur il-*commission* dovuta lilu.
6. Simultanjament meta l-konvenuti kienu ghadhom qed ibieghu l-vetturi derivanti mit-tieni konsenja, l-attur, bi qbil ma u fuq stedina ta' Anthony Borg, kien baghat ghal konsenja ohra mill-Gappun. Din kienet it-tielet wahda, u n-numru ta' vetturi impurtati kien ukoll ta' tnax (12) il-karozza. Nel frattemp, kien inqala' xi dizgwid bejn l-attur u Anthony Borg, fejn dan ta' l-ahhar kien allega li l-attur kien kiser il-ftehim bejniethom ghax kien wettaq xi negozju ma'

terzi. Madanakollu, it-tielet konsenja xorta waslet Malta u t-tnax (12)-il vettura ttiehdu mill-konvenuti u gew ilkoll mibjugha. Bhat-tieni konsenja, il-konvenuti baqghu ma hallsux il-*commission* minnhom dovut fuq kull vettura.

7. In kontro-ezami, l-attur sostna li *« In rigward tal-commission, hu veru illi ftehim dwar commission kien mal-konvenut Anthony Borg, pero il-konvenut huwa fil-fatt shab mal-kjamat in kawza. Hawnhekk nghid illi fil-fatt il-kjamat in kawza weghdni ukoll commission. »*[1]

8. F'dawn il-proceduri, l-attur qed jippretendi li l-konvenuti ihallsuh is-somma totali ta' Lm2,600, rapprezentanti dak lilu spettanti bhala *commission fee* ghas-servizzi minnu rezi.

*<u>Il-Verzjoni tal-Konvenut Anthony Borg</u>*

9. Illi Anthony Borg ikkonferma fix-xhieda tieghu li kien hemm ftehim verbali mal-attur sabiex l-attur igib l-ewwel konsenja tal-vetturi. Irrikonoxxa wkoll illi f'dan il-kaz *ma' l-esportaturi ma kelli l-ebda kuntatt."*[2]. Afferma wkoll illi *"Skond il-ftehim li kelli jiena u l-attur, hu kellu jithallas bhala agent minn barra. Jien ma kelli naghtih xejn. Jien ghalhekk qatt ma hallast lill-attur."*[3]

*<u>Il-Verzjoni tal-Kjamat in Kawza Joseph Aquilina</u>*

10. Fl-ewwel xhieda tieghu, il-kjamat in kawza, Joseph Aquilina, qal li hu jinnegozja bi shab mal-konvenut, izda li f'din il-kwistjoni hu ma kienx involut direttament: *"Jien qatt ma kelli kuntatt dirett mal-attur hlief darba permezz ta' telefonata. Dan kien in konnessjoni ma wasla ta' dokumenti li bhala indirizz kellhom l-indirizz ta' Abbot's Choice il-Gzira."*[4] Specifikatament dwar il-kwistjoni odjerna, huwa sostna illi ma kienx jaf bl-ebda *commission* fee pagabbli lill-attur u qal ukoll illi, ghalkemm hu u l-attur ma kienux innegozjaw tali *commission fee, "pero jekk ftiehm ma' Anthony Borg allura Tony Borg kellu jaghtihomlu l-flus."*[5] Mistoqsi dwar it-telefonata li sehhet bejnu u l-attur, ma ftakar l-ebda dettal jew aspett partikolari.

---

[1] Ara xhieda tal-attur in kontro-ezami a fol. 166 tal-process.
[2] Ara xhieda tal-konvenut Anthony Borg a fol. 132 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Anthony Borg a fol. 132 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Joseph Aquilina a fol. 134 tal-process.
[5] Ara x-xhieda ta' Joseph Aquilina a fol. 135 tal-process.

11. Fit-tieni xhieda tieghu, il-kjamat in kawza jikkwalifika u jispjega certu diskors illi kien intqal fit-telefonata mal-attur, li giet registrata. Huwa jghid illi meta fil-konversazzjoni telefonika hu kien sostna mal-attur li, *"imma jien ghidtlek li l-flus inhallshom jien u li Tony ghadu ma jaf b'xejn bihom dawn"*[6] hu kien qed jirreferi *"ghal kambjala mahruga favur l-esportaturi Gappunizi. Jiena ghidt dan il-kliem u infissirhom billi jiena ghidt illi hemm garanzija taghna li l-karozzi u l-kambjala ser jithallsu."*[7] L-istess spjegazzjoni – cioe li qed issir riferenza ghal kambjala – giet offruta ghall-kliem registrat fit-telefonata fejn hu kien qal lill-attur illi: *"Jiena lilek ghidtlek b'kollox, nirrangaw kollox w nhallsek ta' kollox, issa jekk inti baghat ittra bl-avukat u semmejtlu dawn it-tnax-il karozza, lil iehor, int l-affarijiet aggravajthom."*[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Ma hux kontestat mill-konvenut u l-kjamat in kawza, li l-vetturi li gew impurtati mill-Gappun tramite l-intervent tal-attur, kif jghid fl-affidavit tieghu, effettivament waslu Malta u nbieghu mill-konvenut u mill-kjamat in kawza. Dak li hu kontestat hu jekk kinietx giet miftiehma *commission fee* ta' Lm100 ghal kull karozza mibjugha.

In sostenn tat-tezi tieghu, l-attur ipproduca erba' (4) dikjarazzjonijiet rilaxxati minn kumpaniji Gappunizi (ta' minn fejn few akkwistati l-vetturi *second hand*), li jiddikjaraw li huma ma dahhlu fl-ebda ftehim sabiex ihallsu xi *commission* lill-attur, u li din il-*commission* kienet dovuta mill-importatur.[9] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-kjamat in kawza jissottometti illi dawn id-dikjarazzjonijiet juru biss li l-attur ma hax *commission* minghand min importa l-vetturi, pero ma jistghux jitqiesu bhala prova dwar l-allegat ftehim bejn l-attur u l-konvenut Anthony Borg, u ma jistghax jigi eskluz li l-*commission,* fil-verita kellha tithallas mill-istess esportaturi Gappunizi.

Pero, kif sewwa irrileva l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jekk il-konvenut u l-kjamat in kawza riedu jikkontradixxu d-dikjarazzjonijiet mill-attur huma setghu ggibu il-provi sabiex jirribadixxu dawn id-dikjarazzjonijiet. Fix-xhieda tieghu, il-konvenut stess sostna li kien ghamel negozju ma' dawn

---

[6] Ara t-traskrizzjoni tat-telefonata a fol. 150 tal-process (it-tieni paragrafu minn fuq).
[7] Ara xhieda ta' Joseph Aquilina a fol. 168 tal-atti.
[8] Ara traskrizzjoni tat-telefonata a fol. 151 tal-process (disa' paragrafu minn fuq.)
[9] Ara Dok TS 31 sa TS34 a fol. 65 *et seq.* tal-process.

l-esportaturi Gappunizi fil-passat.[10] Ghalhekk ma kellhiex tkun difficli ghalih u ghal siehbu l-kjamat in kawza, li jottjenu d-debiti dokumenti minghand l-esportaturi Gappunizi sabiex jikkontradicu dak li kien qed jallega l-attur. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[11] fis-sentenza **Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation** deciza fit-12 ta' Jannar 2005, *"mentri jinkombi fuq l-attur l-piz tal-prova in sostenn tad-dritt azzjonat minnu (actor incumbit probatio) hekk ukoll jinkombi fuq il-konvenut li jsostni l-eccezzjoni sollevata biex jikkuntrasta il-pretiza ta' l-avversarju (reus in excipiendo fit actor).* La l-konvenut u lanqas il-kjamat fil-kawza qatt ma gabu provi biex jikkontradicu dawn id-dikjarazzjonijiet tal-esportaturi Gappunizi.

L-attur ipproduca wkoll traskrizzjoni ta' telefonata illi sehhet bejnu u bejn il-kjamat in kawza Joseph Aquilina.[12] Huwa ipprezenta wkoll *compact disc* kontenenti ir-registrazzjoni tat-telefonata.[13] F'din it-telefonata, l-attur qal is-segwenti: '*iva tini cans nitkellem Joseph, tini cans nitkellem. Jien t-tnejn maghkom, qbilt maghkom, jien ghandi mitt lira kull karrozza. Tony, incempillu, jaqtaghli. Tony kellu jhallasni dawk il-mitejn lira jekk kien hawn l-karozzi Malta, gebbidhom gimghatejn u ghadu sa llum ghadu qas cempilli. Tony, xejn, ma jridtx jaf. Allura tkellimt mieghek. Ghidtlek, jekk inti bi hsiebek ... ...*'[14] U l-kjamat in kawza Joseph Aquilina wiegeb, '*imma jien ghidtlek li l-flus inhallashom jien u li Tony ghadu ma jaf b'xejn bihom dawn.*'[15] L-attur kompla jghid, '*... ... jien ma hadtx commission minn ghandhom ghax il-commission minghandkom kelli nehodha jien, u inti stess ammettejtha, mitt lira kull karozza*'[16] Il-kjamat in kawza Joseph Aquilina wiegeb, '*hawn il-commission, ta, inti responsabbli tal-kors ta' kollox, tinsix li ghandna x-xerrejja, il-karti messhom bghatuhom ghandna.*'[17]

Fit-tieni xhieda tieghu, il-konvenut jghid li f'din it-telefonata, meta qed jirreferi ghall-hlas, kien qed jirreferi ghal xi kambjala. Pero apparti l-fatt li l-kelma "kambjala" ma tissemma qatt tul it-telefonata, minn qari komplet tat-traskrizzjoni jirrizulta car li l-attur u l-kjamat in kawza kienu qed jitkellmu fuq il-*commission fee* miftiehma mal-attur.

[10] Ara xhieda ta' Anthony Borg a fol. 132 tal-process.
[11] *Per* Imhallef Philip Sciberras.
[12] Ara traskrizzjoni ezebita bhala Dok VG1 a fol. 143 sa fol. 162 tal-process.
[13] Din il-*compact disc* tinsab f'busta a fol. 141A tal-process.
[14] Ara Dok VG1 a fol. 150 tal-process.
[15] Ara Dok VG1 a fol. 150 tal-process.
[16] Ara Dok VG1 a fol. 154 tal-process.
[17] Ara Dok VG1 a fol. 154 tal-process.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu imbaghad, il-kjamat in kawza ma baqax jallega li l-konverzazzjoni kienet dwar xi kambjala, imma jghid li kienet dwar il-hlas ghall-importazzjoni tal-vetturi li l-attur allegatament ma kienx suppost li gab. Huwa vera li fil-kors tal-konversazzjoni l-attur u l-kjamat in kawza jitkellmu wkoll dwar il-hlas ghall-importazzjoni tal-vetturi, pero mill-brani fuq citati tat-traskrizzjoni huwa car li l-attur u l-kjamat in kawza tkellmu wkoll fuq il-*commission* li l-attur kien qed jippretendi. Huwa relevanti wkoll li tul din il-konversazzjoni telefonika, il-kjamat in kawza qatt ma nnega li l-*commission* li kien qed jippretendi l-attur kienet dovuta lilu.

Din it-traskrizzjoni turi li ghalkemm il-ftehim originali tal-*commission* sar mal-konvenut Anthony Borg, il-kjamat in kawza Joseph Aquilina – li kien sieheb fin-negozju ma' Anthony Borg - kien konsapevoli li kien hemm dan il-ftehim, u dan il-ftehim kien gie wkoll accettat minnu.

Fl-ahharnett, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-attur fin-nota tieghu li bis-sahha tal-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc,[18] il-konvenut u l-kjamat in kawza ghandhom jigu ikkundannati solidalment bejniethom ihallsu il-*commission* pretiza mill-attur.

Pero dina l-Qorti ma tistax tifhem ghaliex l-attur ma indikax lill-kjamat in kawza Joseph Aquilina bhala konvenut fl-avviz mill-bidu nett. Il-konverzazzjoni telefonika ma' Joseph Aquilina giet irrekordjata mill-attur xi gimghatejn qabel ma nfethet il-kawza,[19] u ghalhekk ma kien hemm l-ebda raguni valida ghaliex Joseph Aquilina ma giex indikat bhala konvenut fl-avviz promotur. Dan il-fatt se jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat in kawza, tilqa' t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza f'isimhom propju u t-tnejn

[18] L-Artikolu 115(1) tal-Kodici tal-Kummerc jippreskrivi illi *"Fl-obbligazzjonijiet kummercjali, hu prezunt, jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju, li l-kondebituri humma obbligati in solidum."*
[19] Ara kontro-ezami tal-attur a fol. 167 tal-process.

ezercitanti l-kummerc taht l-isem Abbot's Choice, ihallsu lill-attur, solidalment bejniethom is-somma ta' €6,056.37 (ekwivalenti ghal Lm 2,600) flimkien mal-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz.

L-ispejjez ghandhom ukoll jithallsu mill-konvenut u mill-kjamat in kawza, solidalment bejniethom, salv ghal dawk l-ispejjez relatati mal-kjamata in kawza ta' Joseph Aquilina, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------